Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Frar 2025
(OR. en)

5885/25

Fajls Interistituzzjonali:
2024/0266(NLE)
2024/0267(NLE)

RECH 38
COASI 25

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14668/24 + ADD 1 14669/24 + ADD 1
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fil-programmi tal-Unjoni - Adozzjoni DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fil-programmi tal-Unjoni - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fil-programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Korea ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027).[1]

[1] ĠU L 146, 6.6.2023, p. 18–19.

2. Wara l-konklużjoni tan-negozjati mar-Repubblika tal-Korea, fis-17 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Korea fil-programmi tal-Unjoni[2], flimkien mat-test tal-Ftehim bħala addendum għall-proposta, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim.[3]

3. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka tat-13 ta' Novembru 2024 u fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma COASI tat-30 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti tagħha, li ġew eżaminati miż-żewġ gruppi ta' ħidma. Id-delegazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qablu dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, inkluż it-test tal-Ftehim, u dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-konklużjoni, wara konsultazzjoni bil-miktub konkluża fit-22 ta' Novembru 2024.

4. Il-ġuristi lingwisti vverifikaw u ffinalizzaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, il-Ftehim innifsu u l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fid-dokumenti 16702/24, 16703/24 u 16701/24 rispettivament.

5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

– jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kif tinsab fid-dokument 16702/24 u jiddeċiedi li jinforma lill-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE;

– jipprovdi ftehim fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 16703/24 u jiddeċiedi li jippreżentah lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni, flimkien mat-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dok. 16701/24, wara li jiġi ffirmat il-Ftehim.

---

[2] 14669/24 + ADD1.
[3] 14668/24 + ADD1.